MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2008

Numru. 469/2008

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Jean Pierre Le Prevost ta’ 17-il sena, bin l’Charles u Josephine nee’ Azzopardi,
imwieled Rabat (Ghawdex), nhar is-26/08/1990,
residenti fil-fond Plot 12 Block 6, Vjal il-Labour, Xewkija, Ghawdex, detentur
tal-karta tal-identita’ numru 28090(G)**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza kontra ’l fuq imsemmi Jean Pierre Le Prevost li gie akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, gewwa Ghawdex bejn il-05 u t-08 ta’ Awwissu, 2008;

a) Naqas meta u wara li gie mitlub bil-fomm sabiex minn jeddu jigi l-ghassa tal-Pulizija u dan ghal xi ghan imsemmi fis-subartikolu 3 tal-artikolu 355(AD) naqas milli jmur l-Ghassa tal-Pulizija kif mehtieg;
b) Ukoll talli nhar il-04 ta’ Awwissu ghal habta ta’ 16:00hrs gewwa Plot 12 Block 6, Vjal il-Labour Xewkija, hedded bi kliem lil ommu Josephine Le Prevost u aktar talli nsulenta bi kliem hazin, aktar talli bl-imgieba tieghu kkaguna lil ommu biex tibza’ li ser tintuza vjolenza kontra taghha;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli indikati u cioe’ 355 (AD) u 339 (e) tal-Kapitolu 9;

Semghet lill-Probation Officer Ivan Sultana;

Fid-dawl tar-rakkomandazzjonijiet tal-Probation Officer li ser jigi imposti fuq l-imputat f’kawza ohra fl-istess ismijiet illum stess, issibu hat ital-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda fil-dawl tal-imsemmija rakkomandazzjonjiet u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum;

Il-Qorti spjegat lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor fil-perijodu ta’ liberta’ kundizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------